# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




daqquqa tat-toppu

Numru 85

Marzu - April 2008



## Ħej Ħbieb...

Ritratt ta' Aron Tanti

**editorjal**

Kultant jiġu nies ir-riserva naturali ta' l-Għadira u jaħsbu li se jaraw il-kukkudrilli u l-ħippopotami! Meta ngħidilhom: "Sorry xbin, dawn l-annimali f'Malta m'għandniex!", jagħtuni ħarsa diżappuntata. Forsi jkunu ħasbu li riserva naturali hija bħal żu fejn aħna npoġġu l-annimali selvaġġi biex jiġu n-nies jarawhom. Imma riserva naturali mhux hekk taħdem.

Riserva naturali hija biċċa art (jew baħar) li fiha tgħix flora u fawna interessanti. Jekk gvern ikun bil-għaqal u jimpurtah min-natura ta' pajjiżu jiddeċiedi li dik il-biċċa art (jew baħar) iħarisha minn kull ħsara, indħil jew żvilupp li jista' jsirilha. Għalhekk jiddikjaraha riserva naturali ħalli hemmhekk issaltan in-natura fil-paċi u bla tfixkil.

L-Għadira saret riserva naturali mhux biex nibdluha f'żu bl-annimali maqfulin. Lanqas xejn! L-Għadira saret riserva naturali biex insalvaw żewġ tipi ta' ambjent rari li jeżisti hemmhekk: (a) għadira mielħa li fis-sajf ma tinxifx u (2) l-ambjent mielaħ ta' madwar l-għadira, li bl-Ingliż jgħidulu *saltmarsh*.

Il-BirdLife tieħu ħsieb l-Għadira biex ħadd ma jagħmlilha ħsara. F'ħafna mir-riserva, lin-natura nħalluha tagħmel li trid, u l-flora tas-*saltmarsh* tikber hemm bir-rimi. Il-fawna wkoll titfaċċa weħidha: rettili u insetti u mammiferi Maltin jiġu weħidhom u jgħixu hemm fil-paċi.

Barra minn dawn, eluf ta' għasafar iżuru matul is-sena, ħafna minnhom ikunu ġejjin mill-Afrika jew mill-Ewropa u jieqfu hemm jistrieħu: min jgħaddi lejl u l-għada jitlaq, min jgħaddi ftit ġranet, min jgħaddi x-xitwa u anke jkun hemm min jitħajjar ibejjet, bħalma tagħmel il-monakella.

U bħall-Għadira, il-BirdLife tieħu ħsieb ukoll Is-Simar, riserva naturali oħra li salvajna fix-Xemxija. U kif taraw minn paġna 3, għasfur ieħor ġdid għadu kemm beda jbejjet f'Is-Simar.

Issa la jibda jbejjet il-ħippopotamu ngħidulkom :) :) :)




Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

**X'hemm mal-faċċata?**



Jekk tara **daqquqa tat-toppu** (hoopoe *Upupa epops*) impossibli ma tagħrafhiex, b'dak it-toppu, dak il-munqar u dak ir-rix iswed u abjad. Ebda għasfur ieħor ma jixbaħha. Narawha fil-pases tar-rebbiegħa u tal-ħarifa. Min jaf, xi darba - meta nsolvu l-problema tal-kaċċa - forsi d-daqquqa tat-toppu tibda anke tbejjet f'pajjiżna.

Ritratt ta' Michael Sammut



Din il-ġmiel ta' pjanta hija t-**tengħud tas-siġra**. F'Malta għandna diversi speċi ta' tengħud imma din hija l-ikbar waħda. Jgħidulha tengħud tas-siġra għax kultant tikber qisha siġra żgħira, u fir-rebbiegħa ssir splużżjoni sħiħa ta' fjuri sofor, kif taraw fir-ritratti. Tikber fix-xagħri u kultant ikun hemm ħafna minnha.



F'Mejju l-fjuri tat-tengħux jibdew jinxfu u jsiru frott biż-żerriegħa

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Jaħuuu! | 5 |
| Il-Maskot! | 5 |
| Kif marret il-Mixja | 6 |
| iż-ŻEBBUĠA | 7 |
| Falko | 8 |
| Ambjenti: id-DEŻERT | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Dinja Waħda | 11 |
| Gallerija | 11 |


**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona
Desirée Falzon • Sylvia Falzon
Victor Falzon • Kathleen Mamo

**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, kampijiet u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dan il-magażin *Il-Ħuttafa* li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa l-Klabb fih xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 (Lm3) fis-sena.

© Publikazzjoni BirdLife Malta, April 2008
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# aħbarijiet



Denis Cachia

## It-tiġieġa għandha l-flieles!

Meta f'Malta jbejjet għasfur ġdid, għalina tal-BirdLife dik waħda mill-isbaħ aħbarijiet li nistgħu nisimgħu! U dir-rebbiegħa, frisk frisk, bejjet għasfur ġdid: it-**tiġieġa tal-baħar**.

LE MHIJIEX TIĠIEĠA, avolja jgħidulha hekk! It-tiġieġa tal-baħar (bl-Ingliż common coot) hija tip ta' gallozz. Tgħix fejn hemm l-ilma, speċjalment għadajjar b'ilma baxx li fih jikber il-ħaxix, u fejn jikber ukoll ħafna qasab folt ħalli ssib fejn tistaħba. U fejn f'Malta nsibu ambjent bħal dan? Ovvja! Fir-riserva naturali tas-Simar.

U proprju hemmhekk, għal nofs April, il-berdwoċers tal-BirdLife raw par tiġieġ tal-baħar b'familja ta' sitt flieles daqs tikka jgħumu magħhom. Jipiiii!

Il-flieles ikollhom rashom ħamra u blu u b'suf oranġjo ma' għonqhom u l-bqija ta' ġisimhom ikun iswed. Vera ħelwin! Taħwid ta' kuluri, imma vera ħelwin :)

### Mill-album tal-familja...



Wieħed mill-flieles...



Mal-Mamà (jew Papà!)



Ħin l-ikel...



Tliet aħwa...

Sa l-aħħar ta' Mejju tistgħu tmorru tarawhom nhar ta' Ħadd f'Is-Simar

Ir-ritratti ta' l-album huma ta' Ray Galea

mid-dinja...

# il-Baikal għandu problema...



Lake Baikal hija għadira kbira (315,000km² - mitt darba daqs il-Gżejjer Maltin) fil-qalba tas-Siberja. Hija wkoll l-iktar għadira fonda fid-dinja (sa 1637m). L-ilma tal-Baikal huwa kiesaħ ħafna u l-wiċċ ta' l-ilma jagħmel ħafna xhur iffriżat. Fil-Baikal jgħixu xi 2500 speċi ta' flora u fawna, inkluż ħafna ħut. Il-biċċa l-kbira (xi 80%) ta' dawn l-annimali u pjanti huma endemiċi, jiġifieri jgħixu hemmhekk biss u mkien iktar fid-dinja.

Imma llum il-Baikal għandu problema serja: minħabba l-global warming l-ilma qiegħed jisħon. Fir-rebbiegħa s-silġ qed jinħall iktar kmienu u fil-ħarifa qed idum iktar biex jiffriża. Dan jaffettwa ħafna l-ħajja ta' ġo l-għadira. Ix-xjenzati huma mwerwrin li ma jdumx ma jkun hemm diżastru sħiħ fil-biodiversità ta' Lake Baikal.



Ritratt ta' Lake Baikal mis-satellita. Il-Baikal tant hu fond li jesa fih 20% ta' l-ilma ħelu kollu tad-dinja!

Fil-Baikal tgħix in-**nerpa**, l-unika foka ta' l-ilma ħelu li teżisti fid-dinja. In-nerpa hija endemika għal din l-għadira - jekk tispiċċa minn hemm, tispiċċa mid-dinja!







**Il-problema ta' l-avultuni fl-Indja għadha ma ssolvietx, u dawn l-għasafar enormi daqt jisparixxu.**

Xi snin ilu l-avultuni fl-Indja bdew jonqsu b'rata tal-biża'. Sabu li kienu qed jieklu laħam ta' baqar mejtin li kellhom fihom mediċina li kienet qed toqtol l-avultuni. L-użu ta' dil-mediċina suppost twaqqaf u flokha ntużat mediċina oħra.

Imma mid-dehra l-problema għadha hemm għax l-avultuni għadhom qed jonqsu. Mill-1992 'l hawn, l-**oriental white-backed vulture** (ritratt) naqas b'99.9%, jiġifieri minn kull 1000 baqa' biss wieħed! Naqsu wkoll ħafna l-**long-billed vulture** u s-**slender-billed vulture**.



## Iktar annimali ġodda...

Tim ta' 26 xjenzat mill-għaqda Conservation International għamlu spedizzjoni ta' erba' ġimgħat f'roqgħa tal-Brażil jisimha **Cerra Geral do Tocantins** biex jistudjaw in-natura t'hemmhekk. Kemm damu hemmhekk sabu total ta' 440 speċi ta' vertebrati, li 14 minnhom jidhru li huma ġodda għax-xjenza! Dawn jinkludu tmien ħutiet, tliet rettili (waħda minnhom tip ta' **legless lizard** - ritratt), amfibju (tip ta' **horned toad** - ritratt), mammiferu u għasfur (tip ta' wudpeker nanu).







horned toad



legless lizard



## X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena...

### ir-rożinjol



(*Għasafar Madwarna* p34)





Dan l-għasfur jissemma' ħafna fi ħrejjef, leġġendi u poeżiji. Jekk tarah m'għandu xejn speċjali: għasfur żgħir, ftit ikbar minn Tal-Bejt, kannella minn fuq, żaqqu bajdanija u denbu ħamrani. Diffiċli ferm tarah għax iżomm moħbi ġo veġetazzjoni folta. U kieku stess tarah mhux se jimpressjonak. Imma meta jiftaħ jgħanni, trid u ma tridx ikollok tieqaf tisimgħu. Għax l-għanja tar-rożinjol hi fost l-isbaħ li tista' tisma'. Rikka, melodjuża u sabiħa wisq. Kull meta ninzerta wieħed jgħanni f'xi wied kmieni filgħodu, nibqa' nisimgħu sakemm jieqaf.

Fil-bidu ta' April li għadda kellna xi ġranet fejn ġew numru mhux ħażin ta' rożinjoli. Anke f'Ta' Qali kien hemm xi erbgħa. U sakemm damu fostna stajna ngawdu l-għanja tagħhom. Ir-rożinjol huwa għasfur tal-passa, imma fl-1995 kien bejjet par fil-Buskett. Forsi xi darba jerġa' jitħajjar, ħa jkompli jpaxxina bl-għanja tiegħu.



## JAHUUU!!

Fl-aħħar! Wara tant snin tiġġieled għalina, il-BirdLife għamlet rebħa kbira. Dis-sena l-kaċċaturi ma setgħux jisparaw fuqna l-**gamiem** fir-rebbiegħa. Għall-inqas forsi issa jkollna ċans inrabbu familja fil-kwiet. Grazzi BirdLife! Nisperaw li nibqgħu hekk għal dejjem. Turrrr! Turrrr! Turrrr!



Anke aħna s-**summien** ħlisna minn koċċ qtil u sparar dir-rebbiegħa. Għoġbitni l-idea! Tokk-pitokk! Tokk-pitokk!

## il-maskot











# kif marret il-MIXJA




Fir-ritratt jidhru (mix-xellug) **Ħuttafa** (il-maskot ta' Klabb Ħuttaf), **Desirée Falzon** (kap tat-taqsima Edukazzjoni tal-BirdLife), **Kathleen Mamo** (kap ta' Klabb Ħuttaf), **Jacqueline Licari** (il-membru li l-iktar ġabret flus għall-Mixja), **Mark Marmarà** (mill-Bank of Valletta) u **Ċikkurillu** (il-maskot tal-BOV Young Savers' Club). Warajhom hemm il-bużżieqa ta' Dinja Waħda!

Marija Schranz

## Il-Mixja Maratona tat-30 Marzu 2008 kienet suċċess minn kull naħa li tħares lejha!

L-ewwelnett ħarġitilna ġurnata bnazzi bla ħafna xemx li toqtlok u b'żiffa perfetta.

It-tieni konna grupp sabiħ. Ġew jimxu **170 ruħ** (+ 2 klieb!): membri, ġenituri, ħbieb, studenti, għalliema, u voluntiera tal-BOV. Tfal li sabu sponsors kien hemm 64, u b'kollox dawn ġabru total ta' **€1376.82** (Lm590). Din kienet ġabra rekord minn kemm ilna nagħmlu dawn il-mixjiet, u nixtiequ ngħidu grazzi lilhom kollha (ara l-lista sħiħa isfel). Grazzi speċjali lil **Jacqueline Licari** li weħidha ġabret €172.00 (Lm73.82)! Waw! B'dawn il-flus l-BirdLife issa tixtri iktar apparat għar-riservi naturali tagħna.

Il-mixja marret ħarir. Għaddejna mid-Dwejra u minn Binġemma, miż-Żebbiegħ u minn San Martin, mill-Wied tal-Pwales u spiċċajna fix-Xemxija ħdejn is-Simar. Fl-aħħar tal-mixja kellna sorpriża. Minbarra r-rigali li tqassmu lil min ġabar il-flus, kien hemm ukoll xorb u frott għal kulħadd, u kellna wkoll logħba fejn kulħadd ħalla l-marka t'idu biż-żebgħa fuq karta kbira biex iwiegħed l-imħabba tiegħu lejn in-natura. Waqt din l-attività l-membri ltaqgħu għall-ewwel darba ma' **Ħuttafa**, il-maskot tal-Klabb!

Grazzi kbira lil-Leaders kollha ta' Klabb Ħuttaf, li għenu qabel, waqt u wara l-mixja, lill-istaff tal-BirdLife li ħadu ħsieb l-attività ta' wara, lil sid il-kjosk li ġentilment tana x-xorb u l-frott, u lill-Education Partner tagħna l-Bank of Valletta. Iġri jasal Marzu ieħor ħalli nerġgħu nagħmluha!




Marija Schranz

## lista ta' tfal li ġabru flus għall-mixja

Matthias Abela • Myron José Agius • Francesco Alexander • Daniel Aquilina • Joe Attard • Rachel Attard • Marzja Borg • Elsa Borg Saywell • Kathryn Bugeja • Roberto Buttiġieġ • Audrey Calleja • Simon Camenzuli • Thomas Camenzuli • Matthew Camilleri • Rebekkah Camilleri • Elisa Caruana • Faye Caruana • Mirea Caruana • Angela Cassar • Alexander Chetcuti • Joanne Ciantar • Rachel Ciappara • Ramon Cini • Mirjam Cremona • Janice Curmi • Maria Christina Curmi • Martina DeGabriele • Nicole DeGabriele • Christine Despott • Jade Doughty • Jean Michel Ellul • Michael Farrugia • Sean Farrugia • Sue Farrugia • Anthea Fenech • Ishmael Galea • Reece Hendrix Galea • Chanel Gatt • Maria Gauci • Nina Korkishchenko • Anja Kristensen • Majbritt Kristensen • Maria Laursel • Jacqueline Licari • Daniel Mallia • Michael Mercieca • Audrey Micallef • Melanie Micallef • Elsa Muscat • Matthew Nappa • Askya Pizzuto • Christine Pulis • Paul Saliba • Rachela Saliba • Maya Spiteri Dalli • Caroline Vassallo • Debbie Warrington • Suzie Warrington • Chayenne Xuereb • Hannah Xuereb • Chase Żahra Żammit • Charlene Pia Żammit • Christie Żammit • Mario Zammit

Minħabba ħsara li kellna fil-kompjuter tlifna xi ritratti, fosthom ir-ritratt tal-grupp li ħadna fil-bidu tal-mixja :(
Ta' dan jiddispjaċina ħafna, u nwegħedukom li jekk il-ħsara tissewwa, ir-ritratt tarawh fil-ħarġa tal-Ħuttafa li jmiss.





# iż-żebbuġa

**OLIVE *Olea europaea***



Pittura fuq vażun antik li turi nies bil-bsaten iwaqqgħu ż-żebbuġ mis-siġra. Għad hawn pajjiżi llum li għadhom jiġbru ż-żebbuġ bl-istess mod!

Iż-żebbuġa meqjusa siġra [1]**indiġena** tal-Gżejjer Maltin, għalkemm dan mhux magħruf fiċ-ċert. Hija indiġena żgur għax-xtut tal-Lvant tal-Mediterran. Iż-żebbuġa tant hija tipika tal-Mediterran li meta nitkellmu fuq klima Mediterranja nirreferu għal klima fejn iż-żebbuġa tista' tikber barra! Dis-siġra hija felħana għal xi ftit nixfa, imma mhux iż-żejjed.

Hija tinstab fil-familja OLEACEAE li fiha nsibu żewġ siġriet oħra Maltin: il-FILLIERJA u l-FRAXXNU. Iż-żebbuġa hija waħda mill-iktar żewġ siġriet importanti fil-biedja tal-Mediterran (l-oħra hija d-dielja), u magħha hemm marbuta ħafna l-istorja tal-bniedem, mill-qedem sal-lum. Fi Skorba (Mġarr, Malta) nstab fdal ta' saqaf magħmul minn injam taż-żebbuġ. Das-saqaf għandu mal-5000 sena!

L-aktar prodott importanti taż-żebbuġa huwa ż-**żejt**. Daż-żejt, magħsur miż-żebbuġ, jintuża ma' ħafna ikel Mediterranju. Imma ż-żejt taż-żebbuġa kien jintuża wkoll bħala fjuwil. Qabel ma daħal l-elettriku, bil-lejl l-imsiebaħ kienu jinxtegħlu biż-żejt taż-żebbuġa. L-isem taż-Żejtun ġej mis-siġar li kieku jitkabbru għaż-żejt.

Prodott ieħor taż-żebbuġa huwa ż-**żebbuġ tal-mejda**, li jittiekel wara li jkun tħalla fis-salmura. Jeżistu mijiet ta' varjetajiet ta' żebbuġ u Malta wkoll għandha l-varjetà tagħha: dik tal-Bidni. Prodotti oħrajn taż-żebbuġa huma l-**ingwenti mediċinali** u l-**injam.** L-injam taż-żebbuġa huwa iebes ħafna u jintuża għall-iskultura.

Iż-żebbuġa tgħix mijiet tas-snin. Fil-Bidnija hemm daqs 17-il siġra xjuħ li għadhom minn żmien ir-Rumani Biżantini, jiġifieri għandhom xi 1400 sena! Huma l-aktar siġar antiki fil-gżejjer Maltin. Dan jurina wkoll li Malta ilha ħafna tipproduċi ż-żejt taż-żebbuġa. Illum dil-produzzjoni ħadet spinta 'l quddiem bis-saħħa ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif nafu lkoll, iż-żebbuġ ikollu l-għadma, li hija fil-fatt iż-żerriegħa. Fir-rebbiegħa (jiġifieri bħalissa) s-siġra taż-żebbuġ timtela fjuri żgħar, li wara jiddakkru u jsiru żebbuġ. Fil-ħarifa ħafna għasafar tal-passa jieklu ż-żebbuġ, u bis-saħħa tagħhom tinfirex is-siġra. Fost dawn l-għasafar hemm l-isturnell li jiekol il-laħam ta' madwar l-għadma imma l-għadma stess jobżoqha, u fejn taqa' tista' tinbet u tikber f'siġra.

Iż-żebbuġa hija mħarsa mill-liġi.

il-masġâr **Charles F. Grech**



żebbuġa xiħa

Victor Falzon



Frott nej...

Aron Tanti



...u frott misjur!

Victor Falzon

[1]**indiġena**: minn dejjem kienet tikber f'dak il-post



## Ħbieb Falkuni,

Min qal li l-kaċċa fir rebbiegħa ma tagħmilx effett fuq il-popolazzjoni ta' l-għasafar?! Din ir-rebbiegħa (li fiha għall-ewwel darba l-kaċċa ma nfetħitx) stajna nosservaw numru ikbar ta' tjur differenti.

Per eżempju jien fejn kont nobsor li qatt ħa nara għexieren ta' gamiem deħlin minn fuq il-baħar u jistrieħu fis-siġar bla ma jinqatlu. Qisha ħolma li saret realtà!

Però l-affarijiet mhux hawn jieqfu. Sfortunatament xorta għad hawn kaċċaturi li qed jipprattikaw kaċċa illegali. F'April il-BirdLife organizzat kamp li fih ħadu sehem kemm barranin kif ukoll Maltin. F'dan il-kamp li dam kważi tliet ġimgħat saret sorveljanza xjentifika tal-passa ta' l-għasafar, u l-parteċipanti żammew għassa wkoll għal kaċċa jew insib illegali li jaraw, biex dan jirrappurtawh lill-ALE.

Wara 46 sena ta' ħidma (il-BirdLife twaqqfet fl-1962), nistgħu ngħidu li għamilna pass importanti 'l quddiem. Imma biex niżguraw li ma jibqax ikun hawn kaċċa illegali rridu nibqgħu naħdmu biex ma mmorrux passi lura.

U dan ma jistax issir jekk mhux bl-għajnuna u s-sapport tagħkom il-membri wkoll!

Matthew

**Matthew Borg Cardona**



## Attività



Ftit ftit Foresta 2000 ssir bosk Mediterranju li jkun habitat tajjeb għal flora u fawna li jħobbu s-siġar. Iktar ma ngħinuha, iktar dil-ħolma sseħħ malajr.

**Ħa mmoru nagħmlu xogħol ħafif biex ngħinu fil-Foresta 2000.**

Foresta 2000 hija medda kbira art taħt it-Torri l-Aħmar (ħdejn l-Għadira) fejn, kif tafu, il-BirdLife qed tagħmel proġett ta' afforestazzjoni. S'issa tħawlu ma' l-14,000 siġar u arbuxxelli hemmhekk, u dawn il-pjanti 'l quddiem ħa jiffurmaw bosk Mediterranju, fejn l-għasafar jistgħu jistrieħu waqt il-passa tagħhom.

Wara li naħdmu, ħa ninżlu fil-bajja ta' l-Għadira fil-qrib, fejn ħa jkollna barbikju.

Tinsewx iġġibu l-malja magħkom.

Data u ħin lil min iċempel.

Min jixtieq jiġi għandu jċempel lil Matthew fuq 99886811

Falko hija t-taqsima żgħażagħ (13+) tal-BirdLife. Ko-ordinaturi **Stefan Azzopardi** u **Matthew Borg Cardona**




merlin library

the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlin library

Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221136






Wara snin tiktbilna dwar il-problemi ta' l-ambjent, Elisabeth issa ħa tibdielna sensiela ġdida dwar l-ambjenti stess!



# id-deżert

Elisabeth Conrad

**Kontu tafu li Antartika hija l-ikbar deżert tad-dinja?! Tiskantaw għax forsi dejjem immaġinajtu li deżert bilfors irid ikun x'imkien b'ramel kullimkien, sħana kbira u xi kaktus 'l hawn u 'l hemm. Imma mhux bilfors...**

## X'inhu deżert?

Il-karattru ewlieni ta' deżert huwa n-nuqqas ta' xita. F'dan l-ambjent xita tagħmel ftit li xejn, u l-ftit li tagħmel tkun ġeneralment f'ħalbiet qosra imma qawwija. Għalfejn ma tagħmilx xita f'dawn il-postijiet? Biex nifhmu, irridu nifhmu kif tifforma x-xita.

Ix-xita s-soltu tagħmel meta l-arja tisħon, tespandi u titla' 'l fuq. Kif tilħaq ċertu għoli, l-arja tiksaħ u ma tkunx tista' żżomm l-ilma... u tagħmel ix-xita! Fejn dan ma jiġrix, ix-xita ma tagħmilx.

## Kif jifforma?

Id-deżerti jiffurmaw minħabba

(a) atmosfera

(b) muntanji

(ċ) kurrenti kesħin tal-baħar.

Nibdew bl-atmosfera. F'postijiet fejn l-arja tkun taħt pressjoni għolja, din l-arja tibqa' fil-baxx, ma togħliex u għalhekk ma tagħmilx xita. Jekk tħarsu lejn mappa tad-dinja taraw li d-deżerti jinsabu f'żewġ żoni ewlenin (Lat 20-30º N u Lat 20-30º S), li huma postijiet ta' pressjoni għolja.

Fit-tieni każ, l-arja tiltaqa' ma' muntanja, titla' 'l fuq u titlaq ix-xita kollha fuq il-muntanja. Sa ma tasal fuq l-art ta' wara l-muntanja, l-arja ma jkunx fadlilha ilma, u għalhekk dawn il-postijiet isiru deżert. L-Atacama huwa eżempju ta' dat-tip ta' deżert. Hemmhekk l-arja tkun għaddiet minn fuq il-muntanji Andes u x-xita tkun diġà niżlet kollha.

Fit-tielet każ, il-kurrenti kiesħa tal-baħar ikessħu l-arja, li mbagħad titlaq ix-xita kollha... fuq il-baħar stess! Sa ma l-arja tasal fuq l-art, tkun niexfa, u għalhekk fix-xtut ta' xi kontinenti nsibu wkoll id-deżert, per eżempju n-Namib fin-Namibja.




## Fejn huma d-deżerti tad-dinja?



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 Great Basin | 6 Patagonian | 11 Kalahri | 16 Gobi |
| 2 Mohave | 7 Sahara | 12 Rub Al Kħali | 17 Thar |
| 3 Sonoran | 8 Nubian | 13 Garagum | 18 Great Sandy |
| 4 Sechura | 9 Denakil | 14 Qyzylqum | 19 Great Victoria |
| 5 Atacama | 10 Namib | 15 Takla Makan | 20 Antartika |

L-ambjent fiżiku tad-deżert ivarja immens. Hemm deżerti kesħin u deżerti sħan. Dawn kollha bil-karattru partikolari tagħhom. F'deżerti sħan it-temperaturi jvarjaw ħafna, minn sħana kbira għal kesħa kbira.

Id-deżerti kollha huma ambjenti b'kundizzjonijiet estremi, però nagħmlu żball jekk naħsbu li ma fihomx varjetà ta' ħajja. Id-deżerti għandhom flora u fawna speċjali u adattata għal dawn l-ambjenti uniċi.

Però dwar il-ħajja tad-deżert nitkellmu fil-ħarġa li jmiss...

L-Atacama huwa l-aktar post niexef fid-dinja. Xjenzati jaħsbu li f'xi nħawi ta' l-Atacama **qatt** m'għamlet qatra xita!





# Nilagħbu tikka

ma' **Janet** u **Amy Gerardi**

| A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | H | Ħ | I | J | K | L |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | | | | | | | | | | | | | |

| M | N | O | P | Q | R | S | T | U | V | W | X | Ż | Z |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | | | | | 1 | | | | | | | | |

Solvi t-**tisliba**. Il-kliem kollu għandu x'jaqsam mal-Mixja Maratona li għamilna f'Marzu.

Kull numru jfisser ittra differenti. Biex ngħinukom kxifnielkom tlieta!



## Tixtieq tgħinna nkabbru l-Klabb?

Għal kull membru ġdid li inti ddaħħal, aħna nibagħtulek **5 pitazzi tal-BirdLife!**

1. Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf.
2. Ikteb id-dettalji tagħhom fuq kopja tal-formola t'hawn taħt.
3. Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess.
4. Ibagħtilna kollox, flimkien mal-miżata €7 (Lm3.00)

L-indirizz tagħna huwa **BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk pagabbli lil BirdLife Malta

**Għażiż Klabb, jiena daħħalt membru ġdid. Dawn huma d-dettalji tiegħu/tagħha:**

isem u kunjom ______

indirizz ______

______ postcode ______

data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______

skola ______

**...u dawn huma d-dettalji tiegħi stess:**

isem u kunjom ______

indirizz ______

______ postcode ______

membership number ______ telefon ______ imejl ______

skola ______

tqattax il-magażin • agħmel kopja • tqattax il-magażin • agħmel kopja •



tqattax il-magażin • agħmel kopja • tqattax il-magażin • agħmel kopja •

**titwila lejn**

# Dinja Waħda

Desirée Falzon



Qatt innutajtu li fil-kampanja l-ħitan mhumiex bħall-ħitan tad-djar? Qed ngħid għal dawk iċ-ċnut ta' bejn l-għelieqi jew mal-mogħdijiet, dawk li jgħidulhom ħitan tas-sejjieħ.

Did-darba se niffukaw fuq il-ħitan tas-sejjieħ permezz ta' Attività 26 li jisimha **The Wall**. Għaliex fil-kampanja l-bdiewa jibnu ħitan tas-sejjieħ u mhux ħitan bil-kantun u l-briks?

Il-ħajt tas-sejjieħ jinbena bil-ġebel tal-gagazza. Dal-ġebel ikun kollu ħofor u ma jkunx maqtugħ bil-ġnub dritti. Allura meta jibnu bih, il-ġebliet ma joqogħdux puliti puliti ħdejn xulxin. Imma taħsbux li dan xi żball jew li l-bidwi qed jipprova jeħles bil-ħafif. Anzi ħajt tas-sejjieħ irid ħafna iktar sengħa biex jinbena, għax meta jibnuh jużawx tikħil imma kull ġebla jridu jsibulha post eżatt qisha *jigsaw puzzle*!

Ħajt tas-sejjieħ għandu użu mhux biss għall-bidwi, imma huwa wkoll ħabitat tajjeb għal ħafna annimali żgħar, fosthom insetti u rettili. F'din l-attività intom toħorġu fil-kampanja ma' l-għalliema tagħkom u tagħtu ħarsa mill-viċin lejn wieħed minn dawn il-ħitan tas-sejjieħ: tkejlu, tosservaw, tpinġu, tfittxu eċċ. Insomma ma ngħidilkomx iktar ħlief: qisu li tgħidu lill-għalliema biex Attività 26 ma taqbżuhiex, ħalli toħorgu tiskopru kemm huwa interessanti ħajt tas-sejjieħ!

**Jekk il-klassi tagħkom għadha m'għamlitx attivitajiet Dinja Waħda, ħajru lill-għalliema biex intom ukoll tagħmlu attivitajiet mill-Action Guide li qassamna fl-iskejjel. Tgħinu lill-ambjent waqt li titgħallmu dwaru.**

BirdLife MALTA

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta flimkien ma' Bank of Valletta Ltd, il-partner tagħha fl-edukazzjoni.

BOV Bank of Valletta

# gallerija

Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom ħalli nġibuhom f'*Il-Ħuttafa*.

Tibagħtux ta' annimali domestiċi.



**bufula passajra**
Ayrton Hayman 10



**daqquqa tat-toppu**
Kevin Farrugia 10



**russett griż**
Celine Abela 8



**baghdan aħmar**
Nicholas Galea 14



**ħuttafa** Nathaniel Calleja Gera 6



**bufula sewda**
Brian Birmingham 11



**pitirross**
David Vella 9



**rożinjol**
Omar Agius 11

# Bank of Valletta

BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT®






## Mid-djarju kulturali ta' Ċikkurillu

Hello ħbieb!! Kif intom? Illum ser nerġgħu nitkellmu fuq l-ambjent naturali ta' madwarna. Min minnkom ma jħobbx imur passiġġata fil-kampanja, speċjalment f'dawn iż-żminijiet?

Imma, bħal kull ħaġa oħra, trid tieħu ħsiebha u tibża' għaliha biex tkun tista' tibqa' tgawdiha. Għaldaqstant, il-Bank of Valletta nieda skema ġdida biex isebbaħ l-ambjent. Permezz ta' din il-kampanja, il-Bank qed jaħdem flimkien mal-kunsilli lokali u mal-Gvern Ċentrali, biex inħawwlu ħamsin siġra f'kull belt u raħal madwar Malta u Għawdex. Infatti l-BOV qed jippjana li jħawwel ta' l-inqas 3,000 siġra mifruxa madwar il-gżejjer. Din il-kampanja bdiet fi Ġnien is-6 t'Awissu ġewwa l-Marsa.

Huma l-impjegati tal-fergħa tal-Bank stess li jħawwlu s-siġar fil-lokalità. Huma jkunu akkompanjati mill-Maniġer tagħhom, flimkien mas-Sindku u rappreżentanti oħra tal-kunsill. Jien ġieli mort magħhom tafux, għax vera nieħu gost inħawwel xi siġra. F'uħud mill-postijiet, ġew ukoll xi tfal ta' l-iskola jarawna, u għamlu xi proġetti vera sbieħ fuq din it-tema.

Illum ser inħallikom hawn ...saħħa ħbieb!




www.bov.com 2131 2020

BOV 19031

*Maħruġ mill Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Zakkarija, Valletta VLT 1130 Malta*

BOV Bank of Valletta

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*